**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Frar, 2019**

**Talba Nru: 443/2018 PM1**

**Mark Chetcuti (ID Nru. 483085(M))**

**Vs**

**ST Microelectronics (Malta) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hamsa (5) ta' Settembru, elfejn u tmintax (2018) illi permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf tmin mija disgha u sittin ewro u sebgha u tletin centezmi (€1869.37) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur u dan in segwitu ghal incident illi sehh fit-2 ta' Marzu 2016 fil-parkegg tas-socjeta` konvenuta meta waqt li impjegat tal-istess socjeta` konvenuta kien qieghed jimmanuvra *fork lifter* mghobbi bil-*pallets*, numru minnhom inqalbu mill-istess *fork lifter* ghal fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KGV 031 li kienet ipparkjata, bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Gunju, 2016, dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Dicembru, 2016 u bl-imghax legali b'effett mill-14 ta' Dicembru 2016 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-avviz u cioe` r-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva fir-rigward tal-imsemmi incident (Dok. 'A' a fol. 4 et. seq. tal-process)

Ra r-risposta tas-socjeta` intimata li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-attur mhux il-legittimu kuntradittur
2. Illi t-talbiet tal-attur huma preskritti a tenur tal-art. 2153 tal-Kodici Civili
3. Illi minghajr pregudizzju ghal eccezzjoni preliminari is-socjeta` konvenuta mhux responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u fi kwalunkwe kaz huma esagerati
5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra illi fis-seduta tal-11 t'Ottubru, 2018 it-Tribunal ordna li fis-seduta ta' wara jittressqu l-provi tal-partijiet fir-rigward taz-zewg eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta` konvenuta.

Ra n-nota tas-socjeta` konvenuta datata 19 t'Ottubru, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2018 u ra d-dokumenti ezebiti minnha. Ra wkoll li waqt l-istess seduta s-socjeta` intimata ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha.

Ra li fis-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2018 l-istess rapprezentanta legali tal-attur ukoll iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq dwar l-ewwel eccezzjoni impressqa mis-socjeta` konvenuta. Il-kawza baqghet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Ra li, madanakollu, waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019, it-Tribunal gibed l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt illi kif fehem hu l-ewwel eccezzjoni

preliminari prezentata mis-socjeta` konvenuta tittratta mhux il-legittimu kuntradittur ghat-talba attrici imma l-interess guridiku tal-attur f'dawn il-proceduri peress illi fil-mument tal-habta ma kienx hu s-sid tal-vettura. Ir-rapprezentant legali tas-socjeta` konvenuta ikkonferma waqt l-istess seduta li l-ewwel eccezzjoni preliminari kellha tinftiehem f'dan is-sens u li l-provi imressqin mis-socjeta` konvenuta kienu jirrigwardjaw proprju dan il-punt.

Illi konsegwentement, it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza preliminari li kellha tinghata fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari u dana sabiex l-attur ikun jista' jirregola ruhu in vista ta' dak verbalizzat waqt l-istess seduta u dana sa mhux aktar tard mis-seduta ta' wara.

Illi madanakollu minkejja li t-Tribunal ta din l-opportunita` lill-attur, waqt is-seduti sussegwenti u cioe` dawk tal-11 ta' Frar, 2019 u tal-15 ta' Frar, 2019 baqa' ma deher hadd ghall-attur.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi, kif jirrizulta kjarament mill-avviz tat-talba, din il-kawza tirrigwardja kumpens mitlub mill-attur fir-rigward ta' incident li sehh fit-2 ta' Marzu, 2016 fil-parkegg tas-socjeta` konvenuta ST Microelectronics (Malta) Limited gewwa Triq l-Industrija, Hal-Kirkop meta, waqt li impjegat tal-imsemmija socjeta` konvenuta kien qieghed jimmanuvra *fork lifter* mghobbi bil-*pallets*, numru minnhom inqalbu mill-istess *fork lifter* ghal fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KGV 031 li kienet ipparkjata.

Illi ghal din it-talba tal-attur, is-socjeta` konvenuta wiegbet billi eccepiet preliminarjament li l-attur mhux il-legittimu kuntradittur.

Illi kif jirrizulta wkoll verbalizzat fl-14 ta' Novembru, 2018 ir-rapprezentanta legali tal-attur ikkonfermat dak li inghad fin-nota tas-socjeta` intimata u cioe` li s-socjeta` Tubeline Limited hija fil-fatt il-proprjetarja tal-vettura li sofriet il-hsara u li l-attur odjern huwa

impjegat mal-istess socjeta`. Dan kollu irrizulta wkoll kjarament mix-xhieda ta' Karen Cremona in rapprezentanza tal-Land Transport Directorate fi hdan Transport Malta referibilment ghad-data specifika tal-allegat incident u wkoll mir-rapport tal-Pulizija ezebit mill-istess attur u anness mal-avviz (Dok. 'A' a fol. 4 et. seq tal-process). Fis-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2018 l-istess rapprezentanta legali tal-attur iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq dwar l-ewwel eccezzjoni impressqa mis-socjeta` konvenuta.

Illi kif jinsab verbalizzat fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019, it-Tribunal gibed l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt illi, kif fehemha hu, l-ewwel eccezzjoni preliminari prezentata mis-socjeta` konvenuta tittratta mhux il-legittimu kuntradittur ghat-talba attrici imma l-interess guridiku tal-attur f'dawn il-proceduri peress illi fil-mument tal-habta ma kienx hu s-sid tal-vettura. Ir-rapprezentant legali tas-socjeta` konvenuta ikkonferma waqt l-istess seduta li l-ewwel eccezzjoni preliminari kellha tinftiehem f'dan is-sens u li l-provi imressqin mis-socjeta` konvenuta kienu jirrigwardjaw proprju dan il-punt.

Illi konsegwentement, it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza preliminari li kellha tinghata fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari u dana sabiex l-attur ikun jista' jirregola ruhu in vista ta' dak verbalizzat waqt l-istess seduta u dana sa mhux aktar tard mis-seduta ta' wara.

Illi, madanakollu, minkejja li t-Tribunal ta din l-opportunita` lill-attur, waqt is-seduti sussegwenti u cioe` dawk tal-11 ta' Frar, 2019 u 15 ta' Frar, 2019 baqa' ma deher hadd ghall-attur.

Illi ghaldaqstant in vista tas-surreferit, b'mod partikolari in vista ta' dak li rrizulta mix-xhieda tar-rapprezentanta ta' Transport Malta u wkoll mir-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva ezebit mill-attur stess oltre mill-ammissjoni tal-istess attur, huwa car li l-attur m'ghandux l-interess guridiku mehtieg sabiex jippromwovi l-kawza odjerna, wisq anqas li jirnexxi fit-talba tieghu ghall-kumpens tad-danni, proprju ghaliex id-dannu ma giex soffert minnu imma *se mai* mill-proprjetarja tal-vettura *de quo* fid-data tal-incident u cioe` Tubeline

Limited. L-attur baqa’ ma ressaq ebda prova dwar kif huwa seta` ragjonevolment jippretendi li jigi rizarcit ghal xi danni derivanti mill-allegata hsara kagunata lill-vettura li tappartjeni lil terzi.

Ghadaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata kif kjarifikata waqt is-seduta tad-9 ta’ Jannar, 2019, jiddikjara li l-attur m’ghandux l-interess guridiku mehtieg sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-bqija tal-eccezzjonijiet u konsegwentement jichad it-talba attrici bl-ispejjez kollha jigu sopportati mill-attur.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**